IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru17 (sittax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 27 ta' Frar, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**17.1. Item Nru 17.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

17.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.55pm u kulħadd kien preżenti

**17.2. Item Nru. 17.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija.

Korrezzjonijiet:
Minuta 15.4.14 – tiżdied il-kelma "imwaħħlin"
Minuta 15.6.1 – Fl-aħħar tiżdied "It-talba hija ta' €3000"

Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati unanimament.

**17.3 Item Nru. 17.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-event tal-Easter qal li dan ser ikun miftuħ għal kulħadd u ser isir fi Smart City. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill Lokali x-Xgħajra ikun f'kollaborazzjoni għal din l-attivita u jitħallas l-ammont ta' €3,000.

17.3.2 Is-Sindku qal li l-jogging track iltqajna mas-Sur Sinclair Cassar minn Sports Malta fejn preżenti kien ukoll il-Perit Anthony Bezzina u għednilu li l-ispiza telgħet id-doppju. Is-Sur Cassar talab biex il-Perit jagħmel rapport bid-differenzi ta' kif telgħet daqshekk l-ispiża.

17.3.3 Is-Sindku qal li qed ikollna dewmien fuq it-talbiet tar-road humps u l-Kunsill qabel li nistennew gimgħatejn ċans u jekk xorta tibqa ma tintbgħatx nagħmluhom xorta u mhux ha nkunu responsabbli għal eventwalita.

17.3.4 Is-Sindku qal li wara li erġajna spezzjonajna t-tapit tal-bandli jidher li dan issa ġie fi stat tajjeb u għalhekk flok nibdluh ser napplikaw kolla taħtu biex jibqa tajjeb.

17.3.5 Is-Sur Attard qal li wara li bgħatna lid-Divizjoni tal-Gvern Lokali dwar jekk hux possibbli li nimpjegaw persuna fuq it-tindif irċevejna mid-Direttur u qalilna li dan is- suġġett qed jiġi diskuss u ser ituna risposta fil-jiem li ġejjin.

17.3.6 Is-Sindku qal li dwar ir-restawr il-Kunsill jixtieq jitlob spjegazzjoni lil Ministru Jose Herrera biex jintervjeni. Il-Kunsill qabel ma' dan.

17.3.7 Is-Sur Attard qal li l-Latrina kif jaf kulħadd tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Perit Bezzina qiegħed jaħdem fuq il-pjanti u sar survey. Minħabba l-fatt li ma tistax titwaqqa u titlesta sas-Sajf li ġej is-Sindku ippropona li nagħmlu xogħol ta' ristrutturar importanti u b'hekk inkunu nistgħu nużawha kif suppost fis-snin li ġejjin. Kulħadd qabel ma' dan u li sal-laqgħa li jmiss inġibu stimi ta' xogħol u ta' materjal. Ix-xogħol ser jinkludi madum tal-art u ħitan, toilets u sinkijiet, dawl u ilma, kisi u tibjid, kif ukoll aperturi.

17.3.8 Is-Sindku ippropona li titnaddaf soft area li tinsab quddiem il-Joe Joes bar u li nagħmluha play area għat-tfal. Kulħadd qabel li nibdew naħdmu fuqha u naraw kemm tiġi tiswa bil-fencing b'kollox.

17.3.9 Is-Sindku qal li sal-laqgħa li jmiss inġibu stima ta' palm u xogħol u low lights biex jitħawwlu fil-bankina f' Dawret ix-Xatt. B'hekk inħawwlu madwar 15 -il palma u dawn ser ikunu parti mil-proġett tal-Urban Greening. Kulħadd qabel ma' dan.

**17.4 Item Nru 17.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

IX-XGĦAJRA

17.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet dwar l-arblu tal-GO jekk irċevejniex risposta. Is-Segretarju irrisponda fin-negattiv.

17.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk irċevejniex mingħand it-trasport pubbliku, bus stop ġdid fi Triq l-Ispnott u ieħor fejn Triq il-Grottli. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

17.4.3 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk tistax issir rampa u keep clear fi Triq l-Ispnott minħabba li qed ikun hemm karozzi ipparkjati quddiem rampa. Is-Segretarju qal li ser issir fil-gimgħat li ġejjin.

17.4.4 Is-Sa Pulis staqsiet jekk tistax issir bollard tal-plastic fi Triq Lapsi. Is-Sindku qal li ser issir waħda minn tal-ħadid.

17.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux naħdmu biex nagħmlu dog park fi Triq il-Fortizza. Il-Kunsill qabel li wara l-bus shelter huwa post ideali.

17.4.6 Is-Sa. Pulis qalet li dwar id-disinn tar-round about għad trid tagħmlu.

17.4.7 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk tistax issir mera fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja il-parti ta' fuq minħabba blind spot. Il-Kunsill qabel li issir.

17.4.8 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nagħmlu mera wkoll f' Dawret ix-Xatt kwazi mal-kanutniera ta' Triq l-Ispnott għaliex hemm periklu. Kulħadd qabel ma' dan.

17.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa dwar bozza fi Sqaq it-Tuta għaliex mhux tixhel minkejja li sar ir-rapport. Is-Segretarju qal li dik il-bozza l-Enemalta qalu li mhux taghhom u mbgħad kif mar il-Kuntrattur qal l-istess li din mhux tal-Kunsill għaliex ma fijiex demarcation box.

17.4.10 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux naħdmu biex innaddfu l-monument u inċekknu l-ħawt ta' madwaru. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil Perit Bezzina u ssir billi nqabbdu gaffa.

17.4.11 Is-Sur Camilleri staqsa dwar ix-showers tax-xatt biex isir fis-Sajf li ġej. Is-Segretarju qal li ser nibgħatu talba lil WSC biex naraw jekk jistgħux jgħinunha fuqha.

17.4.12 Is-Sur Camilleri staqsa jekk tistax issir round about fi Triq Carmelo Penza kantuniera ma' Dawret ix-Xatt. Is-Segretarju qal li ser jibgħat it-talba lil Transport Malta.

IX-XGĦAJRA

17.4.13 Is-Sur Camilleri staqsa kif ser nibqgħu fuq tal-boċċi. Is-Sindku qal li l-Perit suppost kellu jibgħat pjanta u Boqs ta' isfel biss għalhekk nerġgħu nitolbuh li jemenda kollox.

17.4.14 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu biċċa railing max-Xatt fis-slipway tal-patrijiet għaliex hemm parti nieqsa. Is-Segretarju qal li din ser issir fil-ġimgħat li ġejjin.

17.4.15 Is-Sa. Borg staqsiet jekk il-Kunsill jistax jorganizza ħarġa kulturali il-Buskett u Sant Anton fiż-żminijiet tal-Għid. Kulħadd qabel ma' dan.

17.4.16 Is-Sa Borg staqsiet hemmx xi time limit ta' meta ser titlesta Triq Alof De Wignacourt. Is-Segretarju qal li din suppost kellha titlesta f' madwar xahar u nofs.

17.4.17 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nixtru First Aid kits biex inpoġġuhom fil-Librerija u fil-postijiet pubblici kollha. Kulħadd qabel ma' dan.

17.4.18 Is-Sa Borg qalet li l-assistant Head tal-iskola primarja tinsab rikoverata u jkun xieraq li nibgħatula fjuri id-dar bħala *get well soon.* Il-Kunsill qabel ma' dan.

17.4.19 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux intellgħu sessjonijiet għall-ġenituri u jsiru diskussjonijiet magħhom. Hi kompliet u qalet dawn is-sessjonijiet ikunu soċjali u edukattivi u jsiru filgħodu bejn l-10 u 12pm. Kulħadd qabel ma' dan.

17.4.20 Is-Sa Borg staqsiet x'sar fuq l-oġġezzjoni li għamel il-Kunsill dwar dik il-binja għolja 15 il sular. Is-Segretarju qal li ser niċċekkjaw mal-Perit.

17.4.21 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu librerija fl-apert miftuha għal pubbliku l-hin kollu. Dan bħal ma saru f'postijiet oħra u persuni jkunu jistgħu jieħdu ktieb u joqodu jaqraw fuq il-post.

17.4.22 Is-Sur Anthony Valvo staqsa kif bqajna mal-grupp tal-iscouts wara li serqulhom il-pjanti u fuq xi affarijiet li kellhom bżonn. Is-Sur Camilleri qal li hu għamel diversi tentattivi biex jitkellem ma' Marcel Borg pero kollha kienu fin-negattiv.

**17.5 Item Nru. 17.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarju Annwali**

17.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapporti finanzjarji annwali fejn wara li ġew spjegati ġew approvati unanimament.

**17.6 Item Nru. 17.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

IX-XGĦAJRA

17.6.1 L-affarijiet meħtieġa ġew indirizzati fil-punti preċedenti.

**17.7 Item Nru. 17.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

17.7.1 Pagamenti b'numru 91 ġew approvati unanimament.

**17.6 Item Nru. 17.6 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

17.17.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**17.9 Item Nru. 17.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.23pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu, 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt